# L-Ewwel Purċissjoni f'Raħal Ġdid



**Dr. Simon Mercieca**

Kontra dak li qed jingħad, il-preżenza ta' statwi proċessjonali fil-parroċċa ta Raħal Ġdid hija waħda riċenti ħafna. Għal ħafna snin, din il-parroċċa kienet nieqsa mill-istatwi proċessjonali u xi wħud mill-istatwi li llum qed ikun deskritti bħala proċessjonali ma kienu proċessjonali xejn.

Peress li f'Raħal Ġdid niżlu joqgħodu ħafna nies mill-Kottonera, dawn ġabu magħhom it-tradizzjonijiet ta' dik in-naħa. F'dik il-ħabta, il-benestanti tal-Kottonera kienu l-aktar marbuta ma' purċissjonijiet sagramentali. Aktar milli dan kien xi fenomenu lokali tal-Port il-Kbir, insibuh mifrux ma' Malta kollha. Purċissjoni bħal tal-Qalb ta' Ġesù u assoċjazzjonijiet marbuta miegħu kienu matul it-tieni nofs tas-seklu dsatax ippatronizzati l-aktar minn familji tal-klassi medja.

Kien biss riċentament, jiġifieri fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, li l-festi titulari fil-Kottonera bdew jikbru. Sakemm seħħ dan, f'kull knisja tal-Kottonera kien hemm aktar minn festa waħda u kollha kien ikollhom l-armar ta' ġewwa u ta' barra tagħhom. Biss kien hemm festi partikolari li kienu jmorru lilhinn mill-istatwi u dawn kienu marbuta mas-Sagrament. F'Bormla, il-festa ta' Pentecoste kienet u għada issir b'purċissjoni sagramentali. Din kienet u għada ssir bħala konkluzzjoni tal-kwaranturi. Fil-passat kienet festa li ssir bil-kbir. Fil-Birgu kienet issir festa kbira lill-Qalb ta' Ġesù, waqt li fl-Isla kienu jagħmlu bi kbir il-festa ta' *Corpus Cristi*.

Xi uħud minn dawn il-benestanti mill-Kottonera marru joqgħodu fid-djar kbar li kien hemm madwar il-knisja ta' Santa Ubaldeska. Kienu huma li ġabu magħhom id-devozzjoni lejn is-Sagrament, element li għaqqadhom aktar milli firidhom. Dan jispjega għala fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, l-ikbar festa f'din il-knisja kienet dik tal-Qalb ta' Ġesù.

B'hekk anki meta l-knisja kienet għada ddedikata lil Santa Ubaldeska, qatt ma kienet issir b'purċissjoni bl-istatwa ta' din il-qaddisa. Il-festa f'ġieħ Santa Ubaldeska kienet waħda b'pjuttost żgħira. L-istatwa tal-kartapesta ta' Santa Ubaldeska, xogħol ta' Karlu Darmanin, qatt ma serviet fil-passat bħala statwa proċessjonali. Din kienet saret biex tintrama fuq barra kif fil-fatt kien għadu jiġri sa ftit taż-żmien ilu.

Jista' jkun li l-ħsieb oriġinali kien li tkun statwa proċessjonali għaliex Karlu Darmanin kien għamel abbozz tagħha. Niftakru fl-uffiċju tal-kappillan. Dan l-abbozz kien oriġinarjament għand il-Kanonku Dun Ġużepp Ascolese. Fil-bażi tiegħu kellu teka, jiġifieri reċipjent tal-fidda, jew ta' xi metal ieħor ibbanjat bil-fidda u fih kellu ir-relikwija ta' Santa Ubaldeska.

Mhux magħruf kif dan l-abbozz kien spiċċa għand Dun Ġużepp Ascolese. Wisq probabli, dan kien għand dik il-familja jew persuna li kienet ikkummissjonat din l-istatwa u dan għaddieh lil Dun Ġużepp. Il-familja Ascolese kienet mill-Isla u kienet niżlet toqgħod Raħal Ġdid. Dun Ġużepp Ascolese kien leħaq qassis fl-1924 u għamel l-ewwel quddiesa tiegħu

f'Santa Ubaldeska. Kien ukoll is-segretarju tal-kumitat li kien twaqqaf għall-bini tal-knisja l-kbira. Kien miet żgħir. Miet qabel ommu. Wara li miet, ommu kienet tat dan l-abbozz bir-relikwija lill-knisja bħala radd il-ħajr talli Dun Mario Agius kien baqa' jmur iżurha u jqarbinha. In fatti, kien Dun Mario Agius li ġabhom il-knisja.

Normalment, Karlu Darmanin ma kienx jagħmel abbozzi għall-istatwi li kienu ser jintramaw fuq barra. Dawn kienu jqumu ħafna irħas minn dawk proċessjonali għaliex kien jiddedika inqas xogħol u artistrija fihom. B'hekk kien jagħmel statwi skont il-but ta' dak li jkun. Dan l-abbozz jista' jixhed ix-xewqa oriġinali li ssir statwa tal-kartapesta biex tintuża f'purċissjoni. Il-ħsieb żgur inbidel għaliex hemm differenzi bejn l-abbozz u l-istatwa li saret ta' Santa Ubaldeska. Waqt li l-istatwa issegwi l-abbozz, l-abbozz huwa ta' kwalità artistika superjuri għall-istatwa li kienet saret ta' Santa Ubaldeska. L-istatwa ma kinetx ġiet esegwita b'mod fedelissimu fuq dan il-mudell. Normalment, Darmanin kien fidil lejn il-mudelli li kien jagħmel. Bħala statwa, hija inqas irfinata fil-panneġġi u inqas fina mill-abbozz. Tixbaħ aktar lill-istatwi li Darmanin kien jagħmel għad-dekorazzjoni ta' toroq milli dawk proċessjonali. Dan hu sinjal ċar, li x'imkien, matul dan il-proċess kollu, kien inbidel il-ħsieb. Forsi dan seħħ minħabba nuqqas ta' flus, u għalhekk minn statwa proċessjonali marru għall-statwa irħas li normalment Darmanin kien jagħmel għat-tiżjin ta' barra tal-festa. Iżda meta wieħed iħares lejn it-tradizzjoni antika li kien hemm fil-parroċċa, naħseb li r-raġuni vera trid tkun infittxa fil-fatt, li f'dan il-perjodu, in-nies ta' Raħal Ġdid ma ridux statwi proċessjonali.

Wieħed irid jiftakar, li f'dik il-ħabta, kien hemm numru ta' Ingliżi joqogħdu f'Raħal Ġdid. X'uħud iżżewġu ma' nisa tal-lokal. Hu fatt storiku, li l-istatwi proċessjonali ma kinux parti mill-kultura tagħhom. Kien hemm oħrajn ta' kultura Franċiża li wkoll l-istatwi kienu jħobbuhom iżda bħala dekorazzjoni votiva fil-knisja u mhux bħala statwa ta' purċissjoni. Imbagħad kien hemm dawn il-benestanti mill-Kottonera li kienu aktar marbuta ma' purċissjoni bis-Sagrament milli ma' dawk bl-istatwi.

Anki meta l-Knisja kienet għada iddedikata lil Santa Ubaldeska, l-anzjani kienu jgħidu li l-festa tal-Qalb ta' Ġesù kienet issir bil-kbir. Kienet l-ikbar festa li ssir f'Santa Ubaldeska. Kien jiċċelebra l-quddiesa l-Kappillan ta' Ħal Tarxien. Kien jinżel bil-kleru kollu u bl-abbatini kollha. F'dan iż-żmien, Santa Ubaldeska kienet tagħmel ma' din il-parroċċa. Dun Karm Sant kien jgħid li fi żmien il-kappillan Gian Feliċ Attard, jekk xi abbati ma kienx imur għall-funzjonijiet tal-festa tal-Lunzjata kien ikun sospiż. Meta ma kienx jinżel għal dik tal-Qalb ta' Ġesù, kien jieħu sospenzjoni itwal. Meta l-ġenituri kienu jipprotestaw minħabba dan il-fatt, għaliex ma setgħux jifhmu kif is-sospensjoni ta' festa ta' kappella f'Raħal Ġdid kienet ikbar minn dik tal- festa tat-titular, il-kappillan Attard kien jgħidilhom "*għaliex hemm hemm is-Sinjur*." F'dik il-ħabta, is-Sagrament kien jgħidulu s-Sinjur.

Dak li hu żgur, li meta bdiet titkabbar il-knisja ta' Santa Ubaldeska, din ġie ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù Sultan. Dan jorbot ma' dak li qed ngħid, jiġifieri, li purċissjonijiet bl-istatwi ma tantx kienu mixtieqa f'dan il-perjodu. Il-festa tal-Qalb ta' Ġesù kienet issir bis-Sagrament kif fil-fatt għada. Din il-festa f'Santa Ubaldeska kienet issir il-Ħadd u mhux il-Ġimgħa, jiġifieri mhux l-għada fuq l-Ottava ta' Corpus Christi, kif normalment kienet tkun iċċelebrata din il-festa f'ħafna mill-parroċċi ta' Malta.

B'hekk meta tkabbret il-knisja ta' San Ubaldeska kien normali li tinbidel id-dedikazzjoni tal-knisja, għall-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù Sultan, peress li din kienet l-ikbar festa li kienet qed issir ġewwa u barra f'Raħal Ġdid f'dik il-ħabta. Il-ħafna nies tal-Kottonera li kienu ġew

joqogħdu hawn kienu għadhom marbuta ma' dawn il-festi bl-Ewkaristija li kien ikollhom fil-parroċċa rispettiva tagħhom. B'hekk il-festa bis-Sagrament kompliet tikber. F'Raħal Ġdid, il-festa tal-Qalb ta' Ġesù Sultana baqgħet issir il-Ħadd sas-snin ħamsin, jiġifieri sakemm daħlet il-festa ta' Kristu Re li kienet issir f'dik il-ħabta fit-tieni Ħadd ta' Ottubru. B'hekk l-ewwel purċissjoni f'din il-lokalità, wisq qabel ma saret viċi-parroċċa, kienet bis-Sagrament.

Dan jispjega għala din l-istatwa ta' Santa Ubaldeska kienet tintuża fid-dekorazzjoni tal-festi ta' barra. Kull referenza qadima li għandha tagħha hija bħala statwa li qed tintrama fuq kolonna quddiem il-knisja ta' Santa Ubaldeska. Dan jikkonferma li din qatt ma kienet serviet bħala statwa devozzjonali jew proċessjonali. Jien stess niftakarha tintrama fuq kolonna quddiem il-knisja ta' Santa Ubaldeska. Kien biss meta bdiet tikber il-festa u beda jingħata aktar importanza lill-armar ta' barra, li bdiet tintrama fil-pjazza fejn illum jintrama s-Salvatur. Imbagħad kienet tintrama quddiem il-knisja, meta kienu saru tliet statwi ġodda, waħda ta' San Pawl, l-oħra ta' San Pietru u l-oħra ta' San Franġisk de Paola. Kienet furtuna li meta twaqqgħu dawn l-istatwi ġodda, dik ta' Santa Ubaldeska ma kinetx inġibdet magħhom għall-isfel.

B'hekk kienet inħasset il-ħtieġa li peress li kienet ta' Darmanin ma tibqax tintrama barra u kien għalhekk saret oħra biex takkumpanja dawn it-tliet statwi ta' quddiem il-knisja. Dawn kien għamilhom Dun Ġorġ Deguara. Imbagħad din l-istatwa ta' Darmanin kienet tqegħdet għal xi żmien fuq waħda minn niċeċ, fl-ewwel nava fuq il-lemin meta tidħol fil-knisja. B'hekk l-użu tagħha bħala statwa proċessjonali huwa wieħed riċenti.


Casha Florist

*Flower arrangements for all occasions*

Contact us on
9940 8575, 9947 4687
cashaflorist@gmail.com

